MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 996/2005

**Dr. Angelo Farrugia LL.D. ID Nru 62256(M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti IAIN Joseph Malcolm Alain de Blac in forza ta’ prokura datata 27 ta’ Gunju 2005**

**vs**

**Angelo Giambra u martu Mairi Giambra**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ppremetta illi:

Premess illi l-konvenuti rcevew minghand l-attur assenti s-somma ta’ ghaxart elef lira Sterlina (Sterling 10,000) in forza ta’ *bank transfer* illi gie esegwit fuq struzzjonijiet tal-attur assenti minn akkont bankarju tieghu fi hdan Bank kummercjali f’Singapore ghall-akkont bankarju ntestat lill-konvenuti u dan kien f’Dicembru 2003 liema somma kienet tirrapprezenta self brevi manu; u

Premess illi l-konvenuti rcevew minghand l-attur assenti s-somma ulterjuri ta’ hamsa u ghoxrin elf Australian Dollars (AU$ 25,000) in forza ta’ *bank transfer* illi gie esegwit fuq struzzjonijiet tal-istess attur minn akkont bankarju tieghu ghall-akkont bankarju ntestat lill-konvenuti, liema somma wkoll inghatat b’self brevi manu lill-konvenuti; u

Premess illi fit-2 ta’ Frar 2005 il-konvenuti hallsu lill-attur assenti s-somma ta’ tlett elef tmien mija tlieta u erbghin Australian Dollars u sitta u sittin centezmu (AU$ 3,843.66) akkont tal-ammont li l-konvenuti rcevew minghand l-istess attur; u

Premess illi ghalhekk fadal bilanc dovut mill-konvenuti lill-attur assenti fl-ammont ta’ ghaxart elef lira Sterlina (Sterling 10,000) u wiehed u ghoxrin elf mija sitta u hamsin Australian Dollars (AU$ 21,156.34), li f’valuta lokali jammontaw ghal madwar hdax -il elf, seba’ mija u sittax -il lira Maltin (Lm11,716.00); u

Premess illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu s-somma hekk dovuta, baqghu inadempjenti; u

Premess illi fil-fehma tal-attur fil-kwalita’ tieghu fuq premessa, l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur fil-kwalita' tieghu fuq premessa s-somma ekwivalenti ghal ghaxart elef lira sterlina (Sterling 10,000) f'valuta lokali, kif ukoll is-somma ekwivalenti ghall-hamsa u ghoxrin elf Australian Dollars (AU$ 25,000) f'valuta lokali, u li kumplessivament jammontaw f'valuta lokali, ghal madwar hdax -il elf, seba' mija u sittax -il lira Maltin (Lm11,716.00), liema ammonti jirrapprezentaw self brevi manu moghti mill-attur assenti lill-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra legali datata 29 ta' Jannar 2005, inkluz l-ispejjez legali nkorsi mill-attur barra minn Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha** a fol. 20 tal-process fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti jecepixxu illi l-attur naqas milli fic-citazzjoni mressqa minnu jkun konformi ma' l-Artiklu 174(2)(a) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi l-eccipjenti jecepixxu illi l-azzjoni attrici hija wahda ntempestiva ghall-ahhar u dan stante illi ghalkemm huwa minnu illi l-attur sellef l-imsemmija fondi lilu u lil bintu stess Mairi (l-eccipjenti l-ohra u mart Angelo Giambra) izda dan minghajr ma gie miftiehem terminu li fih l-eccipjenti ghandhom iroddu lura l-imsemmija somma u tali radd tal-flus lura kien solament marbut mal-fatt illi l-eccipjenti jbieghu l-fond taghhom gewwa H'Attard u mir-rikavat ihallsu dak li kien dovut lill-attur liema kondizzjoni ghadha m'avveratx ruhha.

3. Illi bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1601/2005 kontra l-eccipjenti, l-attur qed jaghmilha mpossibbli illi huma jonoraw il-ftehim li huma ghandhom mieghu stante illi l-attur gab lill-eccipjenti f'pozizzjoni li huma ma jistghux ibieghu l-imsemmi fond halli jissaldaw dak li huma ghandhom jaghtu lilu. Ghalhekk huwa htija ta' l-istess attur li permezz tal-hrug tal-mandat ta' inbizzjoni

huwa gab lill-eccipjenti fl-impossibbilta’ li huma jonoraw l-obbligi taghhom fil-konfront tieghu u dan hekk kif se jippruvaw l-istess eccipjenti waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk japplika l-principju legali ‘*nemo tenetur ad impossibbilta’*.

4. Illi l-eccipjenti jecepixxu illi m’huwa minnu xejn dak li qed jigi ndikat fit-tielet premessa tac-citazzjoni kif ukoll fit-tielet premessa tad-dikjarazzjoni guramentata illi l-eccipjenti hallsu lill-attur xi somma akkont izda dak kien imghax fuq is-somma li l-eccipjenti qablu illi jhallsu lill-attur.

5. Illi l-eccipjenti finalment jeccepixxu illi ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati huma m’ghandhom jehlu l-ebda spejjez la tal-prezenti proceduri u lanqas ta’ xi proceduri illi l-attur seta’ jaghmel fl-esteru.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat id-degriet ta’ dina l-Qorti li bih kkoncediet lill-konvenuti d-dritt li jikkontestaw l-kawza u fil-waqt li ordnat li l-kawza timxi bil-procedura normali, awtorizzat lill-konvenuti jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-doumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Talba**

Dina l-kawza hija dwar talba biex il-konvenuti jhallsu lill-attur noe is-somma ta’ Lm11,716.00 li tirrapprezenta self brevi manu maghmul lill konvenuti.

**Eccezzjoni**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti taht l-artikolu 174 (2)(a) tal-Kap 12 il-Qorti tirrileva li l-attur qed jidher ghan

nom u in rapprezentanza ta’ l-assenti IAIN Joseph Malcolm Alain de Blac in forza ta’ prokura datata 27 ta’ Gunju 2005. Il-konvenuti, ghalkemm ma rtirawx dina l-eccezzjoni, ma jidhirx li baqghu jinsistu fuqha.

**Somma mitluba ammessa**

Il-konvenuti mhux qed jikkontestaw illi l-ammont mitlub effettivament gie misluf lilhom.

**Kontestazzjoni**

Li qed jikkontestaw il-konvenuti huwa li minhabba r-relazzjoni ta’ bejn il-kontendenti (Kaptan De Blanc jigi missier il-konvenuta) meta huma ssellfu s-sommom mitluba, ma kienx gie miftiehem terminu preciz ghar-radd lura tas-somma, u t-terminu kien marbut mal-fatt li l-intimati ibieghu d-dar taghhom f’ Attard.  Tant hu hekk, jghidu l-konvenuti, li l-attur noe ma kienx hass il-htiega li jaghmel skrittura privata jew addirittura kuntratt pubbliku biex jifformalizza l-ftehim bejnithom dwar somma daqstant konsiderevoli. Ghalhekk skond il-konvenuti, l-attur noe ma setghax jipprocedi kif ipproceda kontra taghhom qabel ma l-ewwel talab l-awtorita’ gudizzjarja li tiffissa terminu ghal dan il-ghan.  Meta mbaghad l-attur noe hareg il-mandat ta’ inibizzjoni kontra taghhom hu gabhom f’sitwazzjoni fejn ma setghux jonoraw l-obbligi taghhom u jroddu lura l-flus.

Min-naha l-ohra l-attur noe qed jikkontendi li de Blac kien tah *bridge loan* lill-konvenuti u meta dawn ma rnexxilhomx jottjenu s-self mill-bank, hu talab lura l-flus li kien silifhom.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi skond id-dokument ezibit a fol 12 tal-process, (kopa ta’ ittra ta’ de Blac lill Avukati tieghu fejn hemm s-*sequence of events leading to the occurrence of the debt*) li gara kien li l-konvenut Giambra cempel lill de Blac u qallu li kellu bzonn il-flus urgenti biex ihallas il-*loan* lill HSBC li kienu se jehdulu d-dar. Ghalhekk de Blac  silfu l-flus in kwistjonji bil-kondizzjoni li jaghtih dina l-*bridge loan* biex

ihallas lill HSBC u wara Giambra kellu jiehu *loan* mill Bank of Valletta malajr biex ihallas lura lill de Blac is-somma mislufa u jekk Giambra ma jottjeniex il-*loan*, dan kien lest li jbiegh id-dar. (ara ukoll l-ittra tal-Avukati ta' l-Awstralja a fol 11 u ittra ta' De Blac a fol 45).

**Terminu**

Dwar il-kwistjoni tat-terminu, fuq domanda tal-konvenut, De Blac wiegeb li "*an agreement was reached by telephone stipulating that defendant must arrange for another loan to be obtained from Bank of Valletta.. I was to be repaid as soon as possible, ie within a month or two at the latest. Giambra said that he would sell the property immediately if he could not raise the repayment loan. (*fol 78). *I told Giambra about the repayment condition soonest, as I required the money*. (fol 79).

Il-Qorti hi tal-fehma li l-versjoni ta' de Blac hija l-aktar verosimili u taqbel mal-fatti kif graw u mad-dokumenti ezibiti.

Mix-xhieda prodotta u anke mix-xhieda ta' l-istess konvenut, jirrizulta li Giambra kellu problemi mal-bank u kellu bzonn l-flus minhabba l-*loan* li kellu mal-bank.

De Blac qatt ma accetta d-*draft agreement* li Giambra kien ipprepara u qatt ma accetta li l-flus jigu ritornati biss meta Giambra jbiegh id-dar tieghu. Fil-fatt ma hemm ebda ftehim f'dan is-sens u l-fax mhix iffirmata minn de Blac. Il-kwistjoni tal-bejgh tad-dar kienet marbuta mal-fatt li jekk Giambra ma jottjeniex il-loan mill-Bank of Valletta, l-*bridge loan* kellha tithallas lura immedjatament f'perjodu massimu ta' xaghrejn. Kif tghid il-ligi, meta ma jkun stabbilit ebda zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni din ghandha tigi esegwita minnufih. F'dan il-kaz ma hemm ebda cirkostanza ghaliex it-terminu kellu jigi stabbilit mill-Qorti qabel l-attur jipprocedi bil-kawza.

Dwar is-sottomissjoni tal-konvenuti li ma sarx xi att biex jifformalizza s-self, jirrizulta li l-konvenuti mhux qed jikkontestaw li l-flus ghaddew. Il-ftehim sar bit-telefon minn

Malta u l-Awstralja b'*bank transfer*, u f'sitwazzjoni (allegata mill-konvenuti) ta' urgenza.

**Imghax**

Dwar l-imghax, de Blac wiegeb ghal wahda mid-domandi bil-miktub tal-konvenuti, li ma kienx hemm ftehim fuq rata ta' imghax, u li Ir-rata ta' 6% giet deciza unilaterlament mill intimat.
"Fejn l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma flus determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma mahduma bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, li jkunu dovuti bla ma jkun hemm ghalfejn li l-kreditur jipprova li bata xi telf minhabba d-dewmien". (Muscat John et vs Radmilli Maggur Louis et, Prim'Awla, 03/10/2002 u l-artikolu 1139 tal-Kap 16).

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti
Tilqa' t-talbiet attrici
U tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur noe s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf mitejn u disghin euro u erbgha u disghin centezmi (Euro 27,290.94 ekwivalenti ghall Lm11,716);
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti
U bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------